**10 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

L-Unur Tiegħu Archibald Campbell ne.

*versus*

Surgeon Captain Vincent Tabone, M.D., D.D.O. (Oxon), D.D.M.S. (Lond.), F.R.C.S. (Edin.) et ne.

**Provi — Ittri Regatorjali.**

*Ma hemm ebda setgħa tal-Qorti, la fil-liġi u lanqas fil-prinċipji ġenerali, li timpedixxi l-produzzjoni ta' xhud regolarment indikat fil-lista tax-xhieda, u li kontra l-ammissibbiltà tiegħu ma jkun ġie sollevat xejn, anzi li x-xhieda tiegħu tidher li hi rilevanti u tista' tkun ta' importanza deċiżiva.*

*Il-fatt illi, fuq talba tal-kontroparti, il-Qorti tkun ordnat li dak ix-xhud jinstama' minn awtorità estera permezz ta' ittri rogatorjali, u illi l-parti li trid tipproduċih jista' jkollha dritt għall-kontroeżami tiegħu quddiem dik l-awtorità, ma jistgħax bl-ebda mod ineħħi lil din il-parti d-dritt li tipproduċi lil dak ix-xhud bħala xhud "tagħha".*

*Barra minn dan, huwa ċar illi, kull meta jista' jkun, ix-xhieda għandhom jinstemgħu "viva voce" mill-awtorità stess li tkun sejra "tiġġudika"; u s-smiegħ ta' xhieda barra mill-ġurisdizzjoni huwa rimedju straordinarju, dettat unikament mill-impossibbiltà fiżika (ċjoè n-nuqqas ta' preżenza tax-xhud fil-pajjiż) li x-xhud jinstama' minn "dik" l-awtorità ġudikanti.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni preżentata quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress (1) li bi skrittura tal-25 ta' Mejju 1959 (annessa in kopja bħala Dok. A maċ-ċitazzjoni) il-Gvern u l-Union rappreżentata mill-konvenuti kienu kkuntrattaw, fost affa-

rijiet oħra, li fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejniethom dwar il-pożizzjoni tal-uffiċjali mediċi tal-Gvern fl-istruttura l-ġdida tas-salarji, il-punti kollha ta' differenza bejniethom kellhom jiġu maqtugħa minn "Special Medical Conciliation Board", u d-deċiżjoni ta' dan il-Board kellha torbot liż-żewġ partijiet; (2) u illi, in segwitu ta' dan, il-partijiet ikkostitwew bejniethom "Special Medical Conciliation Board" kompost minn Alwyne Laybourne Trundle (nominat mill-Gvern), u minn Solomon Wand, D.C.L., M.D., Ch.B. (nominat mill-Union), taħt il-presidenza ta' George Gordon Honeyman, C.B.E., Q.C., bit-termini ta' riferenza dettaljati fid-dikjarazzjoni tal-attur (3) u illi dan il-Board, wara li ħa konjizzjoni tal-każijiet sottomessi miż-żewġ partijiet, b'deċiżjoni ta' maġġoranza tat-18 ta' Mejju 1960 (kopja Dok. B eżibita maċ-ċitazzjoni), debitament kommunikata lill-konvenuti, ta' l-"award" jew deċiżjoni tiegħu skond it-termini ta' riferenza li kellu; (4) u li l-konvenuti nfurmaw lill-Gvern li huma ma jaċċettawx id-deċiżjoni tal-Board u jridu li jsir Board ieħor mill-ġdid, u dan fuq il-pretest li l-Board ma ddeċċediex il-każ, għaliex Dr. Wand ma ffirmax id-deċiżjoni; (5) u illi l-partijiet kienu ftehmu wkoll illi, f'każ ta' diverġenza ta' opinjoni bejn il-membri tal-Board, huma jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-istess Board dwar il-metodu kif kellha tiġi regolata l-proċedura tal-Board; (6) u li l-membri tal-Board iddeċedew li l-"award" tagħhom joħroġ effettivament kif ħareġ, ċjoè b'deċiżjoni tal-maġġjoranza, u bid-dikjarazzjoni li Dr. Wand ma kienx qiegħed jiffirma għaliex ma kienx jaqbel ma' dik il-moġġjoranza, u għalhekk dik id-deċiżjoni għandha jkollha effett;

Jgħidu l-konvenuti għaliex ma għandux jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmija deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 1960 hija deċiżjoni li torbot lill-partijiet, u għandha jkollha effett bħala tali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu illi l-"Medical Consultation Board ma tgħax l-"award" tiegħu, għaliex skond il-ftehim bejn il-partijiet l-"award" ma kellux ikun b'maġġjoranza, imma kellu jkun id-deċiżżjoni tal-membri kollha, waqt li ma ġie ebda "award" iffirmat mill-membri kollha tal-Board. Subordi-

natament, l-"award" li suppost ġie mogħti mhux skond it-"terms of reference", għax ma jiddeterminax il-"position of Government Medical Officer in the new general salary structure for the Civil Service";

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Diċembru 1960, li bih ġiet akkordata t-talba tal-konvenuti għas-smiegħ permezz ta' rogatorji tax-xhieda Dr. Solomon Wand u E.W.J. Crawley, li kienu jinsabu barra minn Malta;

Rat in-nota tal-attur fol. 72, li biha ddikjara illi l-imsemmi E.W.J. Crawley kien xhud indikat fil-lista tax-xhieda tiegħu, u hu kien bi ħsiebu jipproduċi lil dan ix-xhud, li huwa mpjegat mal-Gvern, in persuna, biex jagħti x-xhieda tiegħu "viva voce" quddiem il-Qorti;

Rat id-digriet tal-istess Onorabbli Qorti tal-15 ta' Diċembru 1960, li bih ordnat l-ispedizzjoni tal-ittri regatorjali għas-smiegħ taż-żewġ xhieda fuq imsemmija, u ntant iddifferiet il-kawża "sine die", rijappuntabbli fuq talba anki verbali ta' kull waħda mill-partijiet;

Rat ir-rikors tal-attur fol. 77, li bih, wara li qal li kien irnexxielu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex l-imsemmi E.W.J. Crawley jasal Malta fit-22 ta' Jannar 1961, talab li l-Ewwel Qorti tirrijappunta l-kawża biex jinstemgħa dan ix-xhud, jekk possibbli, għas-seduta tat-23 ta' Jannar 1961;

Rat ir-risposta tal-konvenuti għal dan ir-rikors tal-attur, li biha ma opponewx ruħhom għat-talba, salvi ċerti riżervi;

Rat id-digriet tal-istess Qorti tal-10 ta' Jannar 1961, li bih, billi dehrilha illi l-obligu mpost bid-digriet tal-15 ta' Diċembru 1960 fuq imsemmi kien għadu ma ġiex eżegwit, u għalhekk kien għadu jseħħ il-motiv tad-differiment "sine die", iddikjarat li ma hemmx lok għar-rijappuntament tal-kawża, salv kull rimedju ieħor, jekk ikun il-każ, skond l-art. 605 Proċ Ċiv.;

Rat in-nota tal-attur, li biha, fuq ir-rikors tal-konve-

nuti fol. 81, eżibixxa ruħu pront li jinforma lix-xhud Crawley li jġib miegħu l-verbali li nżammu tas-seduti tal-Board u d-dokumenti l-oħra li talvolta jista' jkollu, relattivi għall-proċedura segwita fl-għoti tal-"award";

Rat ir-dikors tal-attur fol. 84, li bih talab biex, prevja jekk jkun hemm bżonn ir-revoka tad-digriet fuq imsemmi tal-10 ta' Jannar 1961, tiġi rijappuntata l-kawża għat-23 tal-istess xahar, jew kwalunkwe data oħra viċina, biex ikun jista' jinstemgħa quddiem l-istess Qorti l-imsemmi xhud Crawley;

Rat id-digriet tal-istess Qorti taż-17 ta' Jannar 1961, fuq dan ir-rikors tal-attur, li bih, billi deħrilha illi, jekk jiġu eżibiti l-verbali u d-dokumenti fuq imsemmija, il-preżenza tax-xhud Crawley tista' ma tkunx aktar meħtieġa, irriżervat li tipprovdi r-rikors wara li tkun saret l-eżibizzjoni ta' dawk id-dokumenti;

Rat ir-rikors tal-attur fol. 89, li bih, wara li spjega illi d-dokumenti fuq imsemmija jkopru biss ċertu stadju tal-proċeduri quddiem il-Board u ma kienu jistgħu jagħtu ebda dawl fuq il-vera kwistjoni, talab li x-xhud Crawley jinstama', u għalhekk jiġi provvdut ir-rikors tiegħu preċedenti billi tiġi milqugħa t-talba;

Rat id-digriet tal-istess Qorti tad-19 ta' Jannar 1961, li bih iddikjarat li ma kienx hemm lok, "rebus sic stantibus", li jiġi varjat "contrario imperio" id-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar 1961, u konsegwentement ċaħdet it-talba dedotta fl-aħħar rikors tal-attur; wara li kkunsidrat:

Illi, in vista tal-importanza, milli jidher deċiżiva talprova testimonjali offerta mir-rikorrent, huwa xieraq li din issir quddiem l-awtorità li għandha tieħu konjizzjoni tal-interrogatorji ġa ordnati mill-Qorti, u hekk dik l-awtorità, barra mistoqsijiet oħra li tista' tagħmel (art. 621 Proċ. Ċiv.), ikollha l-poter. f'każ ta' bżonn, mhux inverosimili, li tordna l-konfront ta' "żewġ" xhieda li għandhom jidhru quddiemha — ħaġa din li taħt iċ-ċirkustanzi attwali dik il-Qorti, kieku kellha taderixxi għat-talba tar-rikorrent,

ma tkunx tista' tirrikorri għaliha, skond l-art. 591 Proċ. Ċiv.;

Barra minn dan, ma nġiebu ebda motivi suffiċjenti biex jiġi applikat l-art. 228 Proċ. Ċiv.;

Rat ir-rikors tal-attur tal-21 ta' Jannar 1961, fol. 97, li bih appella minn dan l-aħħar digriet, u talab li jiġi revokat, billi tiġi milqugħa t-talba dedotta fir-rikors tiegħu tas-16 ta' Jannar 1961, ħalli jinstemgħa x-xhud E.W.J. Crawley kif offert minnu, taħt kull provvediment opportun;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet l-avukati, u kkunsidrat;

Il-konvenuti ma ppreżentaw ebda risposta għar-rikors ta' appell tal-attur, u, mistoqsijin mill-Qorti waqt is-smiegħ tal-appell jekk kellhomx xi ħaġa xi jgħidu kontra dak l-appell, iddikjaraw, per mezz tal-avukat tagħhom, li ma għandhom xi jgħidu xejn; biss riedu illi, jekk ix-xhud Crawley jiġi jixhed, iġib miegħu il-verbali tas-seduti u d-dokumenti li għandu; kif ipprometta l-istess attur;

Crawley ġie regolarment indikat mill-attur fil-lista tax-xhieda tiegħu. Dan ix-xhud li kontra l-ammissibbilità tiegħu xejn ma ġie sollevat, mhux biss jidher li hu rilevanti, iżda talli fid-digriet impunjat jingħad li jidher li t-testimonjanza tiegħu tista' tkun ta' importanza deċiżiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx illi hemm, la fil-liġi u lanqas fil-prinċipji ġenerali, ebda setgħa tal-Qorti li timpedixxi l-produzzjoni tiegħu. Il-fatt illi "fuq talba tal-konvenuti" ġie ordnat is-smiegħ tal-istess persuna minn awtorità estera permezz ta' ittri rogatorjali bħala xhud "tagħhom", u l-attur jista' jkollu d-dritt tal-kontro-eżami, ma jista' bl-ebda mod ineħħi lill-attur id-dritt li jipproduċieh bħala xhud "tiegħu". Ovvjament, il-konsegwenzi jistgħu jkunu diversi. Għalhekk, għall-attur, il-fatt tar-rogatorji ordnati fuq talba tal-konvenuti ma jista' jkun ta' ebda ostakolu;

Mbgħad huwa ċar, għal raġunijiet ovvji, illi, kull meta jista' jkun, ix-xhieda għandhom jinstemgħu "viva

voce" mill-awtorità stess li "sejra tiġġudika". Is-smiegħ ta' xhud barra mill-ġurisdizzjoni hu rimedju straordinarju, dettat unikament mill-impossibbilità fiżika (ċjoè in-nuqqas ta' preżenza fil-pajjiż) li jinstama' minn "dik" l-awtorità ġudikanti;

U l-importanza ta' dan tikber aktar ma jista' jkun importanti x-xhud għall-finijiet tal-kawża. Kożikkè, ir-raġuni msemmija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, illi d-depożizzjoni ta' Crawley tista' tkun ta' importanza vitali jew deċiżiva, kienet raġuni biex lil dak ix-xhud tarah jixhed u tisimgħu dik il-Qorti stess, u mhux il-kuntrarju. Il-kontinġenza ipotetika li jista' jkun hemm bżonn ta' konfront (apparti jekk dan l-awtorità tal-post barra minn Malta tkunx trid jew tkunx tista' tagħmlu) ma tegħleb bl-ebda mod id-deżiderabbilità u l-espedjenza prattika u żgura tas-smiegħ tax-xhud preżenzjalment quddiem il-Qorti. U fi kwalunkwe każ, kif ġa ntqal, dan kollu ma jista' jkollu ebda nfluwenza fuq id-dritt fondamentali ta' l-attur li jipproduċi lil dak ix-xhud bħala xhud "tiegħu". Ġa ladarba hu rranġa biex iġibu Malta, ikun dinjeg inġustifikat ta' dritt u inversjoni tar-regoli li hu, jew ikollu jikkuntenta biss bil-kontroeżami meta fuq ir-rogatorji jisimgħuh il-konvenuti, jew inkella jkollu hu stess, biex jisimgħu bħala xhud tiegħu, jitlob li jinstama' bir-rogatorji;

Il-konvenuti stess jidhru li laqgħu bil-merħba l-aħbar li ta l-attur illi Crawley jista' jiġi jixhed Malta; tant illi talbu biex fil-każ iġib miegħu d-dokumenti, u l-attur wiegħed li jinforma b'dan lix-xhud. U huma stess fittxew li, jekk jista' jkun, iġibu Malta anki x-xhud l-ieħor li jixtiequ jisimgħu;

Għalhekk din il-Qorti hi ta' fehma, u hekk tiddeċidi, illi l-attur għandu d-dritt li jipproduċi lill-imsemmi xhud bħala xhud tiegħu quddiem il-Qorti, u dan indipendentement mis-smiegħ tiegħu bħala xhud tal-konvenuti permezz ta' rogatorji (donnu jidher li, kwantu għal dak ix-xhud, l-istess konvenuti anqas jinsistu fuq ir-rogatorji jekk hu jidher biex jixhed hawn Malta). Kwindi l-attur għandu jkollu l-opportunità li jipproduċi dak ix-xhud quddiem il-Qorti

malli jkun jerġa jista' jagħmel l-arranġament biex iġibu Malta; billi l-kawża, jekk ikun hemm bżonn, terġa tiġi rijappuntata għal ġurnata u ħin konvenjenti kif jidhrilha l-Ewwel Onorabbli Qorti;

U f'dan is-sens tilqa' l-appell tal-attur, u tirrevoka d-digriet appellat;

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa.